## PREMIER LEAGUE (miftugħ għal-plejers maskili BISS)

1.00 **KWALIFIKAZZJONI GĦALL-PREMIER LEAGUE**

1.01 Jiġu organizzati ħames tournaments ta' kwalifikazzjoni.

1.02 Plejer li jkun għadu ma kwalifikax jista' jikkompeti fit-tournaments kollha.

1.03 Żewġ plejers jikkwalifikaw minn kull tournament.

2.00 **REĠISTRAZZJONI TA' PLEJERS**

2.01 Plejers maskili irreġistrati ma' l-M.D.A. biss jistgħu jikkompetu.

2.02 Il-logħob isir fuq bażi ta' knock out.

2.03 Il-poloz jitilgħu fi bracket system.

2.04 Il-ħlas ta' parteċipazzjoni huwa – ara 8-a-side 3.02.

3.00 **IL-LOGĦBA**

3.01 Il-logħob ikun best of 5 legs.
3.02 Min jitlef il-logħba irid jimmarka l-logħba li jmiss.

3.03 Hadd ma jista' jpejjep jew jixrob alkoħol waqt li tkun għaddejja il-logħba tiegħu.

3.04 Min jikser ir-regolament 3.03 jiġi skwalifikat minnufih.

3.05 Min jikser ir-regolament 3.02 jeħel multa ta €20 li trid tithallas qabel ir-ranking tournament li jkun imiss. Plejer ma jithalliex jilgħab sakemm ihallas il-multa.

Plejer tellief jista' jsib xi hadd volontarju li jimmarka l-logħba minfloku.

3.06 Jekk ikun l aħħar ranking tournament il-multa trid tithallas qabel l-ewwel ranking tournament tal-istaġun ta' wara. Plejer ma jithalliex jilgħab sakemm ihallas il-multa.

3.07 Jekk plejer jirreġistra għal qualifiers u ma jattendix awtomatikament jiġi skwalifikat mill-qualifier ta wara.

4.00 **TOSS (BULL)**

4.01 It-toss ssir darba. Min jirbaħ it-toss jibda l-ewwel u t-tielet leg u jekk ikun hemm bżonn il-ħames leg.

4.02 Min jitlef it-toss jibda l-legs l-oħra (dawk mhux imsemmija f'4.01).

5.00 **SPONSOR**

Ara 8-a-side league.

6.00 **PREMIER LEAGUE FORMAT**

6.01 L-għaxar plejers li jikwalifikaw mit-tournaments imsemmija f'1.00 jiffurmaw il-Premier League.

6.02 Il-logħob jintlgħab darba fil-gimgħa format Round-Robin, fejn kull plejer jilgħab kontra id-disa' avversarji l-oħra.

6.03 Il-logħob jintlgħab fuq 7 legs. Jekk Plejer jirbaħ 4 legs il-logħba tieqaf u ir-riżultat ikun dak finali.

6.04 Fil-Group stage min jerbaħ il-bull fil bidu jżomm il-bull f'każ ta' 3-3.

6.05 Wara li jispiċċa ir-round robin awtomatikament l-ewwel erbgħa plejers ikunu il plejers li jirrappreżentaw il-Malta bħala parti mit-tim Nazzjonali li jkun qed jikkompeti fil-kompetizzjonijiet internazzjonli li l-M.D.A. tipparteċipa fihom bħala tim events, sakemm ma jkunx hemm ksur ta' 7.03 tal-Malta Singles Champion. F'dan il-każ dan/dawn il-plejer/s jistgħu jiġu esklużi mit-tim Nazzjonali.

7.00 **MALTA SINGLES CHAMPION**

7.01 Iċ-Champion ta' Malta jiġi determinat mil FINALS NIGĦT tal-Premier League.

7.02 L-ewwel erba plejers li jispiċċaw fil-klassifika tal-Premier League jilgħabu il finals nigħt.

7.03 F'każ li xi wieħed, jew aktar, mill-ewwel 4 plejers ma jipparteċipax fil-kompetizzjoni skond kif ikunu mitluba jagħmlu mill-M.D.A., l-ebda plejer ieħor ma jikwalifika awtomatikament. L-għazla ta' Plejers sostituti hija deċiżjoni unikament tal-Kunsill.

7.04 Fis Semi-Finali, l-plejer li jispiċċa l-ewwel jilgħab kontra il plejer li jispiċċa ir-raba filwaqt li l-plejer li jispiċċa it-tieni jilgħab kontra l-plejer li jkun spiċċa it-tielet fir-round robin.

7.05 Is-semi finali jinlgħabu first to five.

7.051 Is-semi finali l-aħħar leg f'każ ta' 4-4 min rebaħ il-bull fil-bid jżomm il bull.

7.06 Il-Finali tintlgħab first to seven.

7.07 Min jirbaħ il-Finali awtomatikament jkun inkurunat Champion ta Malta u Rebbieħ tal-Premier League.

8.00 **SUDDEN DEATH**

8.01 Fil-każ li fil-finali, ir-riżultat ikun jaqra 6-6 Il-logħob jibqa għaddej sakemm plejer jerbaħ 2 clear legs.

8.012 F'każ li r-riżultat jiġi 9-9 id-19 il-leg tkun is-sudden death.

8.02 Jitfa' għall-bull l-ewwel, dak il-plejer li beda' il-logħba.

8.03 Jekk dan il-plejer iġib is-semi bull jew il-bull, ir-referee għandu jaqla' d-dart qabel ma jitfa' it-tieni plejer.

8.04 Fil-każ li t-tieni plejer iġib l-istess bħal ma jkun qabad l-ewwel plejer, iż-żewġ plejers iridu jerggħu jitfgħu għall-bull.

8.05 F'każ ta' 8.04 jitfa' l-ewwel għall-bull it-tieni plejer u jibqgħu sejrin bħal m'hu imniżżel f'8.03 u 8.04.

8.06 Min jirbaħ dan il-leg ikun ir-rebbieħ tal-finali.

9.00 **PREMJIJIET**

9.01 Ir-rebbieħ tal-Premier League ikun ppreżentat b'tazza li jżomm għal sena u tazza li jżomm għal dejjem.

9.02 Ir-rebbieħ tal-Premier League jiehu wkoll is-somma ta €350.

9.03 Il-finalist tal-Premier League jiehu is-somma ta €150.

9.04 Joint Third jieħdu €50 kull wieħed.

9.05 Il-Prize Money jista' jinbidel min sena għal sena skond in-neċċessita.

10.00 **REGOLAMENTI ADDIZJONALI**

10.01 Waqt il-logħob tal-aħħar għaxra iridu jilbsu qalziet. Mhux permessi bermudas, shorts jew qliezet tal-materjal denim. Qliezet li jkollhom aktar min but wieħed fuq wara huma meqjusa bħala materjal mhux aċċetat.

10.02 Plejer ma jistax jilbes runners jekk mhux b'permess bil-miktub mingħand tabib/speċialist li jagħti dan il-kunsens minħabba raġunijiet mediċi.

10.03 Plejer irid jilbes flokk provdut mil M.D.A. Plejer jista' jżid sponsor wieħed personali fuq donazzjoni ta' €20, fuq dan il-flokk sakemm ma jkunx kompetitur tal-isponsor preżenti. L-M.D.A.tista tagħti ordnijiet oħra minħabba Sponsors uffiċjali tagħha jew raġunijiet li jirrigwardaw streaming/televiżjoni.

10.04 Dagħa, aġir mhux xieraq, intimidazzjoni jew inġurja ser jitqiesu bħala rejati gravi. Qabel, waqt u wara il-logħba.

10.05 Kull ksur ta 10.04 jista' jwassal għal telf ta' punti, multi jew sosspensjoniiet skond il-gravita' tal-każ.

10.06 Deċiżjonijiet meħuda f'każ ta 10.05 mhux ser ikunu appelabli.